MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2003

Numru 652/2003

Il-Pulizija
(Sp Frans Micvallef)
vs
Vincent Taliana, iben Joseph
imwieled l-Imtarfa fis-26 ta'
settembru, 1964

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'tas-Sliema, fis-27 ta' lulju, 2003, għal ħabta tal-4.30 p.m. f'lok pubbliku jew miftuħ għal pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista' jieħu ħsieb tiegħu nniffsu;
2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi nbotta lill-PC1194 Christopher Debrincat fut-triq sabiex iweġġgħu jew jinsultah;
3. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx

vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' għamel offiza ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC1194 Christopher Debrincat, skond kif iċċertifika Dr. Anthony Gatt M.D.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' awissu, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 96, 221(1), 338(ff) u 339(1)(l) tal-Kodiċi Kriminali.
Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur
mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------